MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 1286/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**KONTRA**

**ANTHONY ALEXANDER MALLIA ta’ 39 sena, iben Marianna Mallia, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-31.01.1972, residenti fil-fond Flat 1, 6, Triq Marsamxett, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 92272M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Anthony Alexander Mallia** li gie akkuzat talli nhar is-27 ta’ Novembru, 2006, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, ghall-habta tat-3.00pm:

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar t'abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, jew materjal li jaqbad li b'xi mod seta' qabbad il-hruq lil bini jew lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuni waqt il-hruq;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara lill-proprjeta' tal-Gvern ta' Malta, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' 2nd SM 907 Raymond Zammit, PS 634 Wilfred Imbroll, PC 492 Melchoir Micallef, u PC 754 Josef Camilleri waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4. U aktar talli gewwa Rue D'Argens, fil-Gzira, ghall-habta tas-1.30pm, hedded jew ingurja, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 1268, PS 1136, u PC 648, nies inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qeghdin jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli huwa recidiv fuq diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi ma' l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe' l-Artikoli 325, 221, 95, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-imputat ghall-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel li xehed kien PS 634 Wilfred Imbroll li qal illi waqt li kien duty fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema, xamm riha ta’ nar gejja mill-bitha ta’ l-Ghassa fejn hemm ic-celel. Ftit qabel, go wahda mic-celel gie maqful Toni Mallia. Induna li cella kienet qed taqbad, uzaw tliet pyrenes biex jiftu n-nar – ghalxejn. Indunaw li kien qed jaqbad saqqu tal-foam. Batew anke minhabba n-nar biex jifthu l-bieb tac-cella. Kien dan il-Kuntistabbli li hareg lill-imputat mic-cella. L-istess Kuntistabbli spicca anke jibla’ d-duhhan tant li spicca l-Isptar. Ghalhekk gie ezebit certifikat mediku, Dok WI folio 16 li juri li l-istess Kuntistabbli kien qed ibaghti minn inhalation of fumes, slight save complications.

PS 1136 Fabian Fleri, xehed minn naha tieghu fejn qal illi gewwa l-Buckman’s Bar kien hemm persuna qed taqla’ l-inkwiet. Hemm mar flimkien ma’ PS 1268, PC 648, PC 1214. Sab lil sidt il-bar, certa Luana Cilia, li rrapurtatlu li persuna gewwa l-bar talbitha hobza, biddlet l-ordni xi tliet darbiet, bdiet diehla u hierga mill-bar, u anke bdiet tagixxi b’mod mhux normali. Anke hareg certu Alan mill-kcina ta’ dan il-bar li talab lil din il-persuna titlaq - minn naha taghha din bdiet theddu li tkissirlu ghadmu. Din il-persuna kienet l-imputat, li mitkellem minn dan is-Surgent beda ma jaghtix kazu u oltre dan beda joffendi lilu u lill-pulizija l-ohra. Arrestawh, u haduh l-Ghassa. Qabel illi qabel ma dahhlu lill-imputat fic-cella, saret frisk search fuqu. Gie ezebit il-PIRS report, Dok FF, folio 20.

PC 754 Josef Camilleri, xehed ukoll dwar id-duhhan li ra hiereg mill-bitha (ta’ l-Ghassa). Marru bil-pyrene u raw duhhan hiereg mic-cella, fejn mill-istess raw lil Mallia jghajjat go l-istess cella. Xehdu kemm belghu duhhan. Qal illi kien qed jaqbad is-saqqu tac-cella. Anke f’dan il-kaz ta’ PC 754 Josef Camilleri nhareg certifikat mediku, folio 27 Dok JC, anke dan kien qed ibaghti minn fumes inhalation u kellu griehi ta’ natura hafifa (save complications).

L-Ispettur Malcolm Spiteri xehed illi gie nfurmat dwar hruq fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema. Hemm sab kommossjoni shiha,

inkluz anke fire engines u ambulanzi. Qal illi PS 1136, PS 1268, SM 907, PC 492, PC 794, u PS 634 kienu belghu ammont kbir ta’ duhhan, ghalhekk ittiehdu l-Isptar San Luqa. Ipprezenta ghalhekk certifikati medici fil-konfront ta’ Raymond Zammit (Dok MS folio 41 u Dok MS1 fil-konfront ta’ Melchoir Muscat, Dok MS1, ukoll bl-istess riuzltat bhal dawk precedenti. Wara l-incident xehed li anke l-imputat ittiehed il-polyclinic, gie ezebit ukoll certifikat mediku tieghu, Dok MS2 folio 43. Xehed li ghat-tieni darba, Mallia ttiehed il-Lock-up, cioe’ gewwa cella, hawn ha girja u baqa’ diehel gol-hajt. Rega’ ttiehed il-polyclinic, ghat-tieni darba gie ccertifikat li qed ibaghti minn griehi ta’ natura hafifa, Dok MS3. Hawn ittiehed Mount Carmel. Ittehditlu wkoll stqarrija Dok MS4.

PC 1268 Ivan Caruana xehed ukoll dwar li marru l-Buckman’s Bar ghax kien hemm persuna li qed taqla’ l-inkwiet kif diga’ xehed il-pulizija ta’ qablu. Kien l-imputat li ttiehed gewwa l-Ghassa ta’ Tas-Sliema. Waqt li kien l-Ghassa qed jigi mitkellem mill-pulizija, tefaghlhom il-hobza li kellu f’idejh, tefaghha lejn PC 1214 Dimech. Waqt is-search beda anke joffendiehom. Meta rega’ rritorna l-Ghassa, hawn sar jaf illi persuna kienet qabbdet cella, sabu lil Anthony Mallia fil-kuritur u pulizija ma’ l-art qed jircievi assistenza medika tant li s-Surgent Imbroll bdew anke jinqalbulu ghajnejh u kien ukoll unconscious.

PC 492 Melchoir Micallef ukoll xehed dwar duhhan hiereg u fjammi jaqbdu minn gol-bitha ta’ l-Ghassa. Semghu wkoll persuna tghajjat ghall-ghajnuna minn go cella li kienet imsakkra. Xehed illi ma kienx facli tiftah ic-cella u li kien hemm nar konsiderevoli. Ikkonferma c-certifikat lilu mahrug Dok MS1.

L-istess xehed il-Maggur Raymond Zammit. Ikkonferma li hu bela’ xi ftit duhhan.

Dr Mario Scerri, imqabbad fl-Inkjesta, irrelata dwar il-griehi sofferti mill-pulizija msemmija u l-istess imputat, ikkonkluda:

*1. Illi l-abrazjonijiet assocjati ma' haematoma fuq in-naha tax-xellug tal-aspett anterjuri tal-mohh ta' Mallia kienu friski u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*2. Illi SM Raymond Zammit, PS 634 Wilfred Imbroll, PC 492 Melchoir Micallef, u PC 754 Josef Camilleri, kienu qeghdin ibaghtu minn effetti ta' inhalation of fumes;*

*3. Illi ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-persuna ta' SM Raymond Zammit, PS 634 Wilfred Imbroll, PC 492 Melchoir Micallef, u PC 754 Josef Camilleri.*

Luana Cilia wkoll xehdet dwar l-incident fis-snack bar fil-Gzira. Xehdet kif l-imputat talabha hobza, meta tathielu qallha li ma ridhiex, li beda jdur fil-hanut u anke jkellem xi nies. Hobz ma riedx pero xorta ma telaqx mill-hanut, anzi meta avzatu li kienet ser iccempel lill-pulizija, taha hu stess in-numru. Darba li waslu l-pulizija xehdet illi nonostante li dawn bdew jippruvaw jikkalmawh, hu xorta ma tax kazhom.

Il-Perit Richard Aquilina, ukoll mahtur fl-Inkjesta, ikkonkluda illi l-hsarat jammontaw ghal circa Lm73.00 (folio 11 tal-Inkjesta).

Gie wkoll ordnat u redatt Social Inquiry Report mill-Probation Officer Maryanne Zammit. Hadet din il-Qorti konjizzjoni tal-problemi li jaffliggu lil Mallia, anke tal-fatt illi hu pprova jghin lilu nnifsu kontra dan l-abbuz.

Rat ukoll li fis-seduta ta' nhar il-15.04.2010 giet registrata ammissjoni ghar-reati dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Carmel Caruana, li xehed dwar il-progress li kien qieghed jaghmel l-imputat fi hdan programm residenzjali tal-Caritas.

Ikkunsidrat:

Illi certament, anke minghajr l-ammissjoni ta’ l-imputat, din il-Qorti qieghda ssib htija, wara li rat l-Artikoli 325, 221, 95, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-istess Kapitolu;
Tikkundannah ghal piena ta’ sena(1) habs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------